

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' talba għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
(2014/C 387/08)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għat-talba għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

TALBA GĦAL EMENDA

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽²⁾

TALBA GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9

“CEREZA DEL JERTE”

Nru tal-KE: ES-PDO-0105-01121-27.6.2013

IĠP () DPO (X)

1. Intestatura tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-orijini
- Metodu tal-produzzjoni
- Rabta maż-żona ġeografika
- Tikkettar
- Rekwiżiti nazzjonali
- Oħrajn [korp ta' kontroll]

2. Tip ta' emenda/i

- Emenda tad-dokument uniku jew tas-sommarju
- Emenda tal-ispeċifikazzjoni tad-DPO jew tal-IĠP irreġistrata, li għaliha la d-dokument uniku u lanqas is-sommarju ma ġew ippubblikati
- Emenda tal-ispeċifikazzjoni li ma teħtieġ l-ebda emenda tad-dokument uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)
- Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjoni li tirriżulta mill-impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. Emenda/i

3.1. Emendi għall-intestatura B. “Deskrizzjoni tal-prodott”

Il-punt B.3. Karatteristiċi tal-prodott

It-tabella li ġejja turi l-kontenut il-ġdid taz-zokkor (imkejjel fi gradi Brix) u l-livelli l-ġodda ta' aċidità, li jieħdu post il-valuri mogħtija fl-ispeċifikazzjoni attwali u fid-dokument uniku korrispondenti għal kull varjetà protetta:

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Mibdul bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Tabella Nru 1

kontenut taz-zokkor, għamla, daqs minimu u valur tal-pH tal-varjetajiet taċ-ċirasa protetti mid-DPO, mogħtija skont il-varjetà

Varjetà	Kontenut taz-zokkor (imkejjeġ fi gradi Brix)			Għamla	Daqs minimu	Valur tal-pH		
	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Kontenut medju			Valur minimu	Valur massimu	Valur medju
Navalinda	12	21,60	14	ċatta	21 mm	3,80	4,70	4,25
Ambrunés	14	25,80	20	ċatta	21 mm	3,65	4,85	4,25
Pico Colorado	13,90	26,40	21	tawwalija	21 mm	3,80	4,70	4,25
Pico Negro	11,80	25,60	19	tawwalija	21 mm	3,80	4,90	4,35
Pico Limón Negro	15,40	26,80	20	tawwalija	21 mm	3,80	4,70	4,25

It-tabella li ġejja turi t-tabella li tidher fl-ispeċifikazzjoni rreġistrata dal-ħin.

Tabella Nru 2

kontenut taz-zokkor, aċidità u għamla tal-varjetajiet taċ-ċirasa protetti, mogħtija skont il-varjetà

Varjetà	Kontenut taz-zokkor (imkejjeġ fi gradi Brix)			Għamla	Daqs minimu*	Aċidità (imkejla f'meq/100 ml)		
	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Kontenut medju			Livell minimu	Livell massimu	Livell medju
Navalinda	12	16	14	ċatta	21 mm	9,55	10,45	10,00
Ambrunes	18	21	20	ċatta	21 mm	7,46	16,42	11,94
Pico Colorado	17	23	21	tawwalija	21 mm	7,46	16,42	11,94
Pico Negro	17	24	19	tawwalija	21 mm	7,46	16,42	11,94
Pico Limón Negro	17	24	20	tawwalija	21 mm	7,46	16,42	11,94

Raġunijiet

L-avvanzi teknoloġiċi ta' dawn l-aħħar snin, flimkien mal-intensità li biha qegħdin isiru bħalissa t-testijiet, wasslu għal titjib fit-tekniki ta' analiżi hekk li dawn saru aktar affidabbli u preċiżi.

Għaldaqstant, jeħtieġ li l-parametri mogħtija fl-ispeċifikazzjoni inizjali jiġu emendati għar-raġunijiet li ġejjin:

1) il-gradi Brix. Il-kontenut medju taz-zokkor huwa oġġla mill-kontenut tas-soltu, b'indiċi rifrattivi li, meta l-frotta tkun saret l-iktar, iwarja minn 12 sa 20 gramma għal kull 100 gramma ta' piż tal-frott frisk, skont il-varjetà.

L-analiżi li saru fl-laboratorji akkreditati għad-DPO "Cereza del Jerte" bħala parti mill-kontrolli tal-prodott imwettqin tul diversi snin mill-ispetturi tal-Kunsill Regolatorju wrew li l-valuri tal-kontenut taz-zokkor indikati fl-ispeċifikazzjoni attwali fi gradi Brix huma differenti minn dawk misjuba fir-realtà.

Barra minn hekk, il-valuri mogħtija fit-tabella t'hawn fuq ġew stabbiliti bl-użu tar-riżultati tad-diversi studji li twettqu fuq kampjuni differenti analizzati f'diversi stadji tas-sajran tal-frott (il-kontenut taz-zokkor fi gradi Brix iwarja hija u ssir iċ-ċirasa). Peress li dawn il-prodotti b'dawn il-valuri kollha kemm huma kienu tajbin biex jinbiegħu bħala prodotti ċertifikati bid-DPO, qed jintalab li dawn il-valuri l-ġodda jieħdu post dawk irreġistrati qabel.

2) il-valur tal-pH. Il-kejl tal-aċidità f'milliekwivalenti għal kull 100 ml ta' aċidu maliku huwa wieħed mill-parametri stabbiliti bħala rekwiżit tal-prodott imħares minn din id-denominazzjoni tal-oriġini. Il-prodott protett huwa frotta li tmur malajr ħafna u li m'għandhiex ħajja twila ħafna. Minħabba dan huwa importanti ferm li wieħed jikseb malajr ir-riżultati tal-parametri li juru l-kwalità tal-frotta.

Il-parametru ta' aċidità użat dal-ħin (f'milliekwivalenti għal kull 100 ml ta' aċidu maliku) irid jiġi stabbilit fl-laboratorji li, kull meta jkun possibbli, iridu jkunu akkreditati. Dan ifisser perjodu taż-żmien konsiderevoli, li huwa importanti ferm jekk wieħed irid ibiegħ il-frotta fl-aħjar kundizzjoni possibbli.

Il-prattika li jiġi stabbilit il-valur tal-pH tal-frott qiegħda ssir dejjem aktar komuni u hija rrikonoxxuta mis-suq u mis-settur għal diversi raġunijiet, fosthom dawn li ġejjin:

- il-ħeffa li biha jinkisbu r-riżultati. It-tagħmir li qed jintuża dal-ħin biex jitkejjel il-valur tal-pH jipprovdi dejta dwar l-aċidità fi żmien qasir, b'analiżi li jistgħu jsiru fuq il-post u b'riżultati bi grad għoli ta' preċiżjoni, u b'hekk l-ispetturi ikun jista' jieħu deċiżjoni malajr ibbażata fuq informazzjoni affidabbli;
- l-użu frekwenti ta' dawn l-unitajiet f'dan is-settur. Il-valur tal-pH jitqies bħala indikatur tat-togħma għall-ikel kollu, u b'mod speċjali għall-frott u l-ħaxix;
- il-kwalità tal-informazzjoni li jipprovdi dan il-parametru dwar l-iżvilupp u t-tul tal-ħajja utli tal-prodott hija ferm ogħla minn dik tal-informazzjoni pprovduta minn parametri oħrajn.

Għaldaqstant, qed jiġi propost li l-valuri tal-aċidità mogħtija fl-ispeċifikazzjoni attwali jinbidlu bil-valuri tal-pH mogħtija fit-Tabella Nru 1.

Bħal fil-każ tal-parametru tal-kontenut taz-zokkor, il-valuri proposti fit-tabella t'hawn fuq huma daww miksubin minn diversi testijiet li saru bħala parti mill-kontrolli tal-prodotti li wettqu fuq diversi snin l-ispetturi tal-Kunsill Regolatorju u diversi korpi (l-“Instituto Tecnológico Agroalimentario” (l-Istitut teknoloġiku għall-agrikoltura u l-ikel)) u laboratorji akkreditati.

3.2. Emendi għall-intestatura D. “Elementi li juru li l-prodott ġej miż-żona ġeografika ddefinita”

Diversi paragrafi għandhom jinbidlu sabiex il-kontenut ta' għas-sistema l-ġdida ta' ċertifikazzjoni skont l-istandard UNE-EN 45.011/ISO-IEC 17065, li qed juża l-Kunsill Regolatorju (il-korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat skont dak l-istandard), u sabiex jitqassar u jiġi ssimplifikat u aġġornat it-test oriġinali tal-ispeċifikazzjoni, li kien jirrifletti s-sitwazzjoni tas-settur meta ntbagħtet l-applikazzjoni oriġinali għar-reġistrazzjoni.

Din it-taqsimha tiddekrivi l-proċess ta' kontroll u ta' ċertifikazzjoni li huwa meħtieġ biex ikunu żgurati l-oriġini u l-kwalità tal-prodott, kif ukoll il-karatteristiċi li għandu jkollu l-istess prodott.

L-emendi magħmula f'din it-taqsimha jirrigwardaw biss l-għamla tad-dokument u la l-kontenut u lanqas l-għażla l-ġdida tal-kliem ma jaffettwaw b'xi mod l-elementi li juru li l-prodott ġej miż-żona ġeografika kkonċernata. L-aktar bidliet importanti huma dawn li ġejjin:

- Fl-ewwel paragrafu (fil-punt 1), il-kliem li ġej: “Il-‘Picotas’ u/jew iċ-ċiras l-ieħor ġej biss minn pjantaġġuni rreġistrati li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni. Dawn il-pjantaġġuni huma identifikati b'mod ċar f'bażi tad-dejta li tinkludi lista tal-irziezet, produttur produttur, u li tiddekrivi s-siġar skont id-daqs, l-età, il-varjetà, it-tip ta' tħawwil, is-sistema ta' tkabbir u fatturi varjabbli oħrajn”

għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Il-‘picotas’ u/jew iċ-ċiras l-ieħor ġej biss minn pjantaġġuni rreġistrati li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni. Dawn il-pjantaġġuni huma identifikati b'mod ċar fid-diversi reġistri tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini”.

- Fil-punt 2, il-kliem li ġej: “Kull sena, l-ispetturi tal-Kunsill Regolatorju jżuru, b'mod aleatorju, madwar 10 % mill-irziezet irreġistrati (jiġifieri madwar 400 razzett fis-sena) sabiex jivverifikaw fuq il-post l-eżattezza u l-veraċità tal-informazzjoni mibgħuta mill-produtturi. Barra minn hekk, kull sena se tiġi stabbilita data ta' skadenza għall-emendar tad-dejta fir-reġistru biex b'hekk jitqiesu l-bidliet li jkunu saru u tiġi aġġornata l-informazzjoni eżistenti”

għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Kull sena, id-denominazzjoni protetta tal-oriġini trid twettaq il-kontrolli meħtieġa fuq l-irziezet, l-imħażen tal-konsenja awtorizzati u l-prodotti sabiex ikun żgurat li jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti sabiex ikun żgurat li l-prodott ġej mir-reġjun.

Kull tant żmien, se tiġi stabbilita data ta' skadenza għall-emendar tad-dejta inkluża fir-reġistru sabiex jitqiesu l-bidliet li jkunu saru u tiġi aġġornata l-informazzjoni eżistenti”.

- Bl-istess mod, il-punt 5, li jiddeskrivi l-proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità, għandu jitħassar sabiex jitqiesu l-kontrolli attwali li huma deskritti fil-punt 4 u f'punti oħra ta' din it-taqsimha D u li għandhom l-istess għan:

Il-punt 5: “Il-proċess ta’ assigurazzjoni tal-kwalità huwa bbażat fuq it-teħid ta’ kampjuni kuljum minn lottijiet differenti minn diversi mħażen, u l-volum tal-kampjuni tal-frott irid ikun proporzjonat għall-volum tal-frott li jidħol f’kull mħażen. Il-prodott li minnu jittieħdu l-kampjuni jrid jiġi spezzjonat bir-reqqa biex jiġi vverifikat, fost l-oħrajn, jekk il-frotta hijiex ġejja effettivament mill-pjantaġġuni rreġistrati, jekk teżistix korrelazzjoni bejn il-kontenut u t-tikkettar, jekk il-prodott sarx kif suppost, jekk il-prodott huwiex perfettament omoġenju fil-lewn u fid-daqs tiegħu, jekk għandux difetti, jekk tħarsux ir-reqwiziti tal-ippakkjar u tal-identifikazzjoni, jekk il-piż huwiex korrett, eċċ.”.

- Fil-punt 8, il-kliem li ġej: “Il-kontroll tal-identifikaturi skont is-serje ta’ numri jrid jiġi rreġistrat b’mod rigoruż biex jiġi evitat kull attentat ta’ frodi. Ir-reġistru tal-identifikaturi u t-tqabbil tad-dejta ta’ ġo fih mal-volumi tal-istaġun f’kull mħażen irreġistrat, jippermetti lil dak li jkun jinduna bl-anomaliġi malajr ħafna u jidentifika r-riperkussjonijiet fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-konsenja u tal-bejgħ”

għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Il-kontroll tal-identifikaturi skont is-serje ta’ numri jrid jiġi rreġistrat b’mod rigoruż biex jiġi evitat kull attentat ta’ frodi”.

- Fil-paragrafu 9, il-kliem li ġej: “Il-kontrolli, il-kampjuni u t-testijiet kollha li jsiru biex tiġi vverifikata l-konformità mar-reqwiziti kollha jridu jsiru skont il-Manwal tal-Kwalità u l-Manwal tal-Proċeduri. Il-Kunsill Regulatorju jrid iwettaq it-testijiet permezz ta’ aġenziji li jissodisfaw ir-reqwiziti mogħtija fl-istandard ISO-EN 17.025”

għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Jekk wara li jkun għamel il-valutazzjonijiet ix-xierqa, il-Kunsill Regulatorju tad-denominazzjoni protetta tal-orìġini ‘Cereza del Jerte’ jsib li l-kumpanija inkarigata mill-bejgħ tissodisfa l-kundizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli, huwa għandu joħroġ dokument li juri li ċ-ċertifikat korrispondenti jkun ingħata lill-prodotti tagħha”.

- Fil-paragrafu 10, il-kliem li ġej: “Wara li jitlestew il-kontrolli kollha msemmija, il-Kumitat Konsultattiv tal-Kunsill Regulatorju, magħmul minn rappreżentanti tal-partijiet kollha kkonċernati, għandu jevalwa r-risultati miksuba sabiex jieħu deċiżjoni imparzjali u oġġettiva. Jekk il-Kumitat taċ-ċertifikazzjoni jiddeċiedi li jagħti ċ-ċertifikat, il-Kunsill Regulatorju għandu jibgħat iċ-ċertifikat korrispondenti lill-kumpanija rreġistrata. Il-prodott jitqiegħed fis-suq bil-garanzija tal-orìġini tiegħu, irrappreżentata mit-tikketta ta’ quddiem jew ta’ wara nnumerata mill-Kunsill Regulatorju”

għandu jinbidel b’dan li ġej:

“Il-prodott jitqiegħed fis-suq bil-garanzija tal-orìġini tiegħu, irrappreżentata mit-tikketta ta’ quddiem jew ta’ wara nnumerata mill-Kunsill Regulatorju”.

Kif intqal hawn fuq, dawn l-emendi kollha qeġħdin isiru biex it-test oriġinali tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-DPO “Cereza del Jerte” jiġi adattat għas-sitwazzjoni attwali, wara l-bidliet li saru fil-korp ta’ kontroll responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni. Dan ma jaffettwax l-elementi li juru li l-prodott ġej miż-żona ġeografika ddefinita f’din id-denominazzjoni tal-orìġini.

3.3. Emendi għall-intestatura G. “Korp ta’ kontroll”

L-indirizz postali għandu jinbidel b’dan li ġej:

Indirizz: Polígono Industrial. Centro de Empresas. Carretera Nacional 110, Km. 381,400. 10613 Navacóncejo (Cáceres), España.

Qed tissemma wkoll l-akkreditazzjoni tal-Kunsill Regulatorju skont l-istandard UNE-EN 45011.

3.4. Emendi għall-intestatura H. “Tikkettar”

Din l-intestatura għandha tiġi emendata sabiex jitneħħa t-tieni paragrafu dwar l-awtorizzazzjoni tat-tikketti u jiġu inklużi ż-żewġ lowgos tal-prodotti msejnin “Cereza del Jerte” u “Cereza del Jerte + Picota”, sabiex il-konsumatur ma jitfixkilx meta jiġi biex jagħżel il-prodott.

3.5. Emendi għall-intestatura I. “Rekwiżiti leġislattivi nazzjonali”

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u għall-finijiet taċ-ċarezza u tas-simplifikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, dan il-paragrafu għandu jitneħħa peress li mhuwiex essenzjali u ma jissemmiex f’dak l-Artikolu.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽³⁾

“CEREZA DEL JERTE”

Nru tal-KE: ES-PDO-0105-01121-27.6.2013

IĠP () DPO (X)

1. Isem

“Cereza del Jerte”

2. Stat Membru jew pajjiż terz

Spanja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1

Id-denominazzjoni protetta tal-oriġini “Cereza del Jerte” tirrigwarda esklussivament iċ-ċiras tal-mejda li jittiekel frisk tal-varjetajiet lokali li ġejjin: “Navalinda”, “Ambrunés”, “Pico Limón Negro”, “Pico Negro” u “Pico Colorado”, li jiffurmaw parti mill-ispeċi *Prunus avium* L..

Il-varjetajiet taċ-ċiras protetti mid-denominazzjoni protetta tal-oriġini huma ta' żewġ tipi:

— iċ-ċiras tat-tip “bigarreau” (imsejjaħ ukoll “picotas”): il-varjetajiet “Ambrunés”, “Pico Negro”, “Pico Colorado” u “Pico Limón Negro”. Dan it-tip ta' ċiras jirrappreżenta l-parti l-kbira tal-produzzjoni taċ-ċiras, u l-karatteristika ewlenija tiegħu hija li jinqata' b'mod naturali minn maz-zokk meta jinġabar.

— iċ-ċiras biz-zokk: “Navalinda”.

Dan iċ-ċiras huwa kkaratterizzat minn lewn ħamrani fuq barra, li jkun l-iktar lewn l-inbid jew vjola. Lewn il-laħam iebes u jqarmeċ ta' dan it-tip ta' ċiras ivarja minn aħmar għal isfar jew lewn il-krema, skont il-varjetà, u l-meraġ tiegħu jista' jkun aħmar jew ma jkollu l-ebda kulur. Il-frott jista' jkollu għamla ta' kilwa, jew ikun ċatt, tond jew tawwali. L-għadma tiegħu tista' tkun ta' daqs medju jew tkun kbira jew kbira ħafna u tkun għamla tonda jew tawwalija, skont il-varjetà.

It-tabella li ġejja turi fil-qosor ir-rekwiżiti ewlenin marbutin mal-kontenut taz-zokkor (imkejjeġ fi gradi Brix), mal-għamla tal-frotta, mad-daqs minimu tagħha u mal-valur tal-pH tagħha.

Kontenut taz-zokkor, għamla, daqs minimu u valur tal-pH tal-varjetajiet taċ-ċirasa protetti mid-DPO, mogħtija skont il-varjetà

Varjetà	Kontenut taz-zokkor (imkejjeġ fi gradi Brix)			Għamla	Daqs minimu	Valur tal-pH		
	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Kontenut medju			Valur minimu	Valur massimu	Valur medju
Navalinda	12	21,60	14	ċatta	21 mm	3,80	4,70	4,25
Ambrunés	14	25,80	20	ċatta	21 mm	3,65	4,85	4,25
Pico Colorado	13,90	26,40	21	tawwalija	21 mm	3,80	4,70	4,25
Pico Negro	11,80	25,60	19	tawwalija	21 mm	3,80	4,90	4,35
Pico Limón Negro	15,40	26,80	20	tawwalija	21 mm	3,80	4,70	4,25

⁽³⁾ Mibdul bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Iċ-ċiras protett permezz tad-DPO “Cereza del Jerte” se jkun jaqa’ fil-kategorija “extra” biss, skont l-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni li japplika għaċ-ċiras approvat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2004 (*).

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika identifikata*

L-istadji kollha tal-produzzjoni għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:

it-tħawwil u t-tkabbir, li jsiru l-aktar f’għelieqi żgħar imtarrġin weqfin ħafna fejn huwa diffiċli li wieħed juża l-magni, ix-xogħol fuq il-ħamrija (il-ħart, it-tidmil u ż-żbir) u l-ġbir bl-idejn.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

L-imballaġġ u l-ippakkjar iridu jggarantixxu l-protezzjoni sħiħa tal-prodott. Il-materjal tal-imballaġġ għandu jint-għażel bir-reqqa sabiex jiġi evitat kull deterjorament tal-prodott. Il-kontenut ta’ kull pakkett irid ikun omoġenju f’dak li għandu x’jaqsam mal-oriġini, il-varjetà, il-kwalità u d-daqs tal-prodott u parti mill-prodott trid tkun tidher u din il-parti trid tirrappreżenta l-kontenut kollu tal-pakkett.

L-imballaġġ taċ-ċiras protett mid-DPO “Cereza del Jerte” irid isir fiż-żona ġeografika identifikata, minħabba li dan huwa meħtieġ sabiex tinżamm il-kwalità tal-prodott u sabiex ikunu żgurati l-kontroll u t-traċċabbiltà tal-prodott matul il-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi għat-tikkettar*

Minbarra d-dettalji speċifiċi tal-impriża u l-informazzjoni ġenerali mitluba mil-leġiżlazzjoni applikabbli, l-isem tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini “Cereza del Jerte” għandu jidher b’mod ċar fuq l-imballaġġ.

Il-Kunsill Regulatorju għandu żewġ verżjonijiet tal-lowgo. Dawn jintużaw kif ġej:

il-lowgo tas-“Cereza del Jerte”. Dan il-lowgo, li jidher hawn taħt, jista’ jintuża għaċ-ċiras kollu, inkluż dak tal-varjetajiet taċ-ċiras imsejjaħ “picotas”:



il-lowgo “Cereza del Jerte” + “Picota”. Dan il-lowgo, li jidher hawn taħt, jista’ jintuża biss għall-varjetajiet taċ-ċiras imsejjaħ “picotas”, biex il-konsumaturi ma jitfixklux:



Ikun xi jkun it-tip ta’ imballaġġ li jintuża għaċ-ċiras biex dan jitqiegħed fis-suq, dan għandu jkollu fuqu t-tikketta fuq wara nnumerata mill-Kunsill Regulatorju jew in-numru ta’ identifikazzjoni maħruġ minn dan il-Kunsill.

(*) ĠU L 36, 7.2.2004, p. 6.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fir-reġjuni tat-tramuntana tal-provinċja ta' Cáceres. Din iż-żona tikkonsisti fl-artijiet li jiffurmaw parti mit-territorji tal-muniċipalitajiet li ġejjin, miġbura skont ir-reġjuni:

- FIR-REĠJUN TAL-WIED TA' JERTE: it-territorji ta' Barrado, Cabezuela del Valle, Cabrero, Casas del Castañar, El Torno, Jerte, Navaconcejo, Piornal, Rebollar, Tornavacas u Valdastillas;
- FIR-REĠJUN TA' LA VERA: it-territorji ta' Aldeanueva de la Vera, Arroyomolinos de la Vera, Cuacos de Yuste, Garganta la Olla, Gargüera, Guijo de Santa Bárbara, Jaraíz de la Vera, Pasarón de la Vera u Torremenga; u
- FIR-REĠJUN TA' AMBROZ: it-territorji ta' Cabezabellosa, Casas del Monte, Gargantilla, Hervás, Jarilla u Segura de Toro.

Ir-rabta kbira li teżisti bejn il-kwalità, il-fatt li l-għelieqi jinsabu fil-muntanji u t-tip ta' produzzjoni tfisser li l-artijiet u l-irziezet li ġejjin, li jinsabu 'l barra miż-żona agrikola muntanjuża, ma jidhux fiż-żona ġeografika identifikata tad-DPO:

- l-irziezet tar-reġjun ta' La Vera li jinsabu inqas minn 500 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, u
- l-irziezet tar-reġjun tal-Wied ta' Ambroz li jinsabu inqas minn 600 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar.

L-imballaġġ u l-ippakkjar tal-prodott iridu jsiru fiż-żona tal-produzzjoni.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *L-ispeċifità taż-żona ġeografika*

Rabta storika

L-isem ta' "Jerte" jew "Valle del Jerte" huwa marbut mill-qrib maċ-ċiras. Fi Spanja, ħafna mill-konsumaturi jassoċjaw minnufih dan il-post ma' dan il-prodott u viċversa. Għaldaqstant, din iż-żona hija magħrufa ħafna għaċ-ċiras eċċellenti li jtkabbar fiha, u b'mod partikulari għaċ-ċiras tat-tip "bigarreau" (imsejjaħ ukoll "picotas").

Jingħad li s-siġar taċ-ċiras iddaħħal fir-reġjun mill-Għarab u li, mal-wasla ta' kolonji ġodda, wara r-rikonkwista, instab li dan is-siġar kien adattat ħafna għat-tip ta' raba' f'dan ir-reġjun. Madankollu, l-ewwel provi ċerti tal-eżistenza tiegħu fir-reġjun imorru lura biss għas-Seklu XIV.

Fit-2 ta' Ġunju 1352, grupp ta' emissarji tar-re waqaf għal-lejl f'raħal minnhom f'dan ir-reġjun. Hemmhekk, dawn il-persunaġġi distinti kielu t-troti u ċ-ċiras. Dan juri li dak iż-żmien iċ-ċiras kien diġà jitqies bħala prodott partikulari ta' kwalità li kien xieraq biex jingħata lil vjaġġaturi daqshekk importanti.

Matul is-sekli ta' wara, iċ-ċiras kompli jtkabbar b'suċċess f'dan ir-reġjun. Fis-Seklu XVI, it-tabib famuż Spanjol Luis de Toro irrefera għaċ-ċiras ta' Jerte u ftaħar bid-daqs, il-lewn u t-togħma tiegħu.

Kien fis-Seklu XVIII, meta s-siġar tal-qastan inqered mill-marda tal-linka, li ċ-ċiras beda jitqies bħala alternattiva ekonomika reali. Fi tmiem dan is-seklu u tul is-Seklu XIX, it-tkabbir taċ-ċiras infirex fil-wied ta' Jerte u fiż-żewġ widien li jmissu miegħu.

Fil-bidu tas-Seklu XIX, il-kittieba diġà kienu qed igħidu li l-aqwa ħaġa li hemm f'dan ir-reġjun "... hija ċ-ċiras li, kif xieraq, huwa apprezzat ferm fil-Palazz tar-Re ...". Matul dan is-seklu, it-tkabbir taċ-ċiras kompli jinfirex fl-irħula kollha, hekk li, fil-bidu tas-Seklu XX, dan ir-reġjun kien magħruf sew għaċ-ċiras delizzjuż tiegħu".

Rabta naturali

Il-ħames varjetajiet protetti huma varjetajiet indiġeni, li ġejjin jew mill-Wied ta' Jerte, jew mill-Widien ta' Ambroz u ta' La Vera li jmissu miegħu. Dawn il-varjetajiet jtkabbru kważi esklussivament f'dan ir-reġjun, peress li t-tentattivi biex jibdeu jtkabbru f'postijiet oħra b'latitudnijiet differenti s'issa fit li xejn irnaxxew.

Diversi awturi jstostnu li l-preżenza tal-varjetajiet taċ-ċiras mingħajr zokk fil-Wied ta' Jerte hija r-riżultat ta' proċess twil ta' akklimatizzazzjoni u ta' għażla semi-indotta ta' razez differenti tal-ispeċi *Prunus avium L.*, li hija speċi indiġena għall-foresti li ilha tikber f'dawn il-widien muntanjużi minn żmien żemżem.

Sar ħafna xogħol ta' titjib u ta' għażla tar-razz mill-popolazzjonijiet ta' Jerte, u l-preżenza ta' ċerti fatturi ambjentali fir-reġjun, bħall-umdità għolja, li ma tonqosx lanqas fis-sajf, il-fewġiet li nsibu fil-wied, il-pożizzjoni ġeografika tiegħu, l-ammont medju ta' xemx fis-sena, l-altitudni tar-reġjun, il-mikroklima tiegħu u l-aċidità tal-ħamrija fih, għamli l-bqija.

L-istruttura tal-proprjetajiet u l-kundizzjonijiet imposti mit-topografija diffiċli ta' dan ir-reġjun jiffurmaw pajsaġġ ta' għonna żgħar imtarrġa, li xi kultant ikunu żgħar ħafna, miżmumin b'hitant tal-ġebel, li fihom ix-xogħol irid isir fil-parti l-kbira tiegħu bl-idejn u mhux bil-magni.

Għalhekk, il-karatteristiċi tal-prodott ġejjin mill-użu ta' pjanti speċifiċi, li huma adattati għall-klima u għall-kundizzjonijiet ambjentali speċifiċi tal-wied ta' Jerte u tal-widien li jmissu miegħu, iżda wkoll mill-karatteristiċi speċjali ta' sistema tal-produzzjoni li torbot it-tkabbir taċ-ċiras ma' tradizzjonijiet tal-biedja bbażati fuq proprjetajiet żgħar u l-organizzazzjoni tax-xogħol fil-familja. L-irziezet, li ġeneralment ikunu jinsabu fuq artijiet imtarrġa mal-għub ta' għoljiet weqfin fejn ma tantx jistgħu jintużaw magni, jippermettu lil dak li jkun jagħmel tajjeb għar-rendiment baxx tar-raba' bil-kwalità għolja tal-prodotti tiegħu.

5.2. L-ispeċifiċità tal-prodott

Id-denominazzjoni protetta tal-orġini "Cereza del Jerte" tirrigwarda esklussivament iċ-ċiras tal-mejda li jittiekel frisk tal-varjetajiet lokali li ġejjin: "Navalinda", "Ambrunés", "Pico Limón Negro", "Pico Negro" u "Pico Colorado", li jiffurmaw parti mill-ispeċi *Prunus avium* L..

Iċ-ċiras ikollu lewn ħamrani minn barra, li jista' jkun skur jew ċar, skont il-varjetà tiegħu. Wieħed isib l-iktar iċ-ċiras lewn l-inbid jew vjola, minħabba l-ammont ta' ċiras tat-tip "bigarreau" fil-ħsad lokali, u b'mod partikulari tal-varjetà "Ambrunés", li hija magħrufa bħala "r-reġina taċ-ċiras".

Iċ-ċiras tat-tip "bigarreau", imsejjaħ ukoll "picotas", jiddistingwi ruħu minn tipi ta' ċiras oħrajn essenzjalment minħabba l-fatt li dan jinqala' b'mod naturali minn maz-zokk meta jinġabar, mingħajr ma tonqos il-kwalità tiegħu jew mingħajr ma jkun jiflaħ inqas għall-immuniġġjar jew mingħajr ma jitħassar iktar malajr. Il-varjetajiet taċ-ċiras li ġejjin jiffurmaw parti minn dan il-grupp: "Ambrunés", "Pico Negro", "Pico Limón Negro" u "Pico Colorado".

Il-frott jista' jkollu għamla ta' kilwa, jew ikun ċatt, tond jew tawwali.

Il-laħam ta' dan it-tip ta' ċiras ikun iebes u jqarmeċ u lewnu jvarja minn aħmar għal isfar jew lewn il-krema, skont il-varjetà, u l-meraq tiegħu jista' jkun aħmar jew ma jkollu l-ebda kulur. Il-kulur tal-laħam u tal-meraq ġeneralment ikun stabbli, b'mod partikulari dak tal-meraq.

L-għadma hija waħda mill-karatteristiċi l-aktar stabbli taċ-ċiras. Hija tista' tkun ta' daqs medju jew tkun kbira jew kbira ħafna (fil-każ tal-varjetajiet "Navalinda" u "Ambrunés"), u tkun ta' għamla tonda (fil-każ tal-varjetà "Ambrunés"), ovali (fil-każ tal-varjetà "Pico Colorado") jew tawwalija (fil-każ tal-varjetà "Pico Limón Negro").

Il-proporzjon bejn l-għadma u l-frotta jvarja minn wieħed medju (fil-każ tal-varjetà "Pico Colorado") għal wieħed kbir jew kbir ħafna (fil-każ tal-varjetajiet "Pico Limón Negro", "Navalinda" u "Ambrunés").

Iz-zokk ivarja ferm fit-tul u fil-ħxuna tiegħu:

— f'dak li għandu x'jaqsam mat-tul tiegħu, il-varjetajiet "Ambrunés" u "Navalinda" jkollhom zokk b'tul medju, waqt li l-varjetajiet "Pico Negro" u "Pico Colorado" jkollhom zokk twil;

— f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħxuna tiegħu, il-varjetajiet "Pico Negro" u "Pico Colorado" jkollhom zokk irqiq, waqt li l-varjetajiet "Ambrunés" u "Navalinda" jkollhom zokk bi ħxuna medja.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-karatteristiċi organolettiċi, il-kontenut medju taz-zokkor huwa oġġla mill-kontenut tas-soltu, b'indiċi rifrattivi li, meta l-frotta tkun saret l-iktar, ivarja minn 12 sa 24 gramma għal kull 100 gramma ta' piż tal-frott frisk, skont il-varjetà.

Iċ-ċiras protett permezz tad-DPO "Cereza del Jerte" jaqa' fil-kategorija "extra" biss, skont l-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni li japplika għaċ-ċiras approvat bir-Regolament (KE) Nru 214/2004.

5.3. Ir-rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP)

Il-varjetajiet protetti jtkabbbru kważi esklussivament f'dan ir-reġjun, peress li t-tentattivi biex jibdeu jtkabbbru f'pos-tijiet oħra s'issa f'it li xejn irnaxxew, minħabba li dawn ma jikbrux kif suppost meta ma jkollhomx il-kundizzjonijiet it-tajbin tal-ħamrija u l-altitudni, l-ammont ta' xemx, l-umdità u r-riħ xierqa.

Il-preżenza tal-varjetajiet taċ-ċiras mingħajr zokk fil-wied ta' Jerte hija r-riżultat ta' proċess twil ta' akklimatizzazzjoni u ta' għażla semi-indotta ta' razez differenti tal-ispeċi *Prunus avium* L., li hija speċi indiġena għall-foresti li ilha tikber f'dawn il-widien muntanjużi minn żmien żemżem.

Sar ħafna xogħol ta' titjib u ta' għażla tar-razez mill-popolazzjonijiet ta' Jerte, u l-preżenza ta' ċerti fatturi ambjentali fir-reġjun, bħal:

- l-umdità għolja, li ma tonqosx lanqas fis-sajf,
- il-fewġiet li nsibu fil-wied, il-pożizzjoni ġeografika tiegħu, l-ammont medju ta' xemx fis-sena, l-altitudni tar-reġjun, il-mikroklima tiegħu u l-aċidità tajba tal-ħamrija fih, għamli l-bqija,
- Orografija: il-prodott jtkabbar f'għelieqi li jinsabu f'qiegħ it-tliet widien sa għoli ta' aktar minn 1 200 metru "l fuq mil-livell tal-baħar. Ir-raba" li jinsab bejn 600 metru u 1 200 metru l fuq mil-livell tal-baħar huwa l-aktar adattat għat-*tkabbir tal-varjetajiet taċ-ċiras tat-tip "bigarreau", imsejjaħ ukoll "picotas". Iċ-ċiras ta' dawn il-varjetajiet u tal-varjetajiet l-oħra taċ-ċiras imkabbrin f'dan ir-reġjun ta' kull sena jsir bil-mod il-mod fuq perjodu li jibda mill-aħħar ta' April u li jidm sal-bidu ta' Awwissu,*
- Il-ħamrija ta' din iż-żona ġeneralment tkun raffa u mhux kompatta, u tkun grassa u ramlja. Ġeneralment, l-ilma jiskula tajjeb 'il barra minnha. Il-ħamrija hawnhekk dejjem tkun aċiduża, minħabba l-materjal li minnha hija magħmula, u normalment ikollha pH b'valur ta' bejn 5 u 5,5. Dawn il-karatteristiċi ġenerali tal-ħamrija huma eċċellenti għat-*tkabbir tal-varjetà ewlenija (l-ispeċi Prunus avium jew iċ-ċirasa salvaġġa) u għat-*tkabbir tal-varjetajiet lokali taċ-ċiras,**
- Il-klima: il-karatteristiċi klimatiċi tat-tliet widien li jiffurmaw parti miż-żona ġeografika identifikata ġejjin mill-fatt li huma doġoq u fondi, mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom u mill-fatt li huma jiftħu lejn in-Nofsinhar. Id-differenzi fl-altitudni u l-art ifframmentata jgħolqu distribuzzjoni irregolari tax-xemx u differenzi fit-temperatura bejn il-qċaċet tal-muntanji u l-qiqhan alluvjali tal-widien, u dawn id-differenzi fit-temperatura xi kultant ikunu kbar ħafna. Dawn id-differenzi klimatiċi jgħolqu differenzi fit-tul tal-istaġun tat-*tkabbir u fil-perjodi meta s-siġar jgħorġu ż-żahar u meta l-frott isir, li huma mifruxin fuq perjodi differenti tas-sena, hekk li hemm differenzi notevoli ħafna fid-dati tal-ħsad. Fil-fatt, iċ-ċiras ta' varjetà partikulari mkabbar f'ċertu post f'din iż-żona jista' jsir iktar minn 20 jum wara ċiras ieħor tal-istess varjetà mkabbar f'post differenti fl-istess żona.*

F'dak li għandu x'jaqsam mal-umdità, l-indiċijiet ta' kull xahar u daww annwali, kif ukoll it-tqassim tax-xita, juru li r-reġjun igawdi minn klima Mediterranja umda, b'perjodu sinifikanti tas-sajf li jkun qasir u niexef, minħabba li f'tit li xejn tinżel xita fix-xhur sħan ta' Lulju u ta' Awwissu.

Minkejja li t-temperatura medja annwali turi li l-klima f'din iż-żona hija ġeneralment waħda sħuna, it-temperaturi jvarjaw ħafna minn staġun għall-ieħor. Din il-firxa ta' temperaturi rreġistrati tirrifletti l-klima ħarxa ta' dan ir-reġjun.

Għaldaqstant, nistgħu nġhidu li l-karatteristiċi orografiċi, klimatiċi u tal-ħamrija u tal-ilma speċifiċi kollha deskritti hawn fuq huma essenzjali biex wieħed ikabbar prodott daqstant tipiku u awtentiku bħalma huwa iċ-ċiras tat-tip "Cereza del Jerte". Li kieku kellu jispiċċa xi wieħed minn dawn il-fatturi, kieku wieħed ma jkunx jista' jkabbar aktar il-prodott imsemmi.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ^(²))

<http://aym.juntaex.es/NR/rdonlyres/DEAAADC4-16EB-4424-985B-4A40BE02ECF4/0/PliegoCerezaJertemodificado.pdf>

^(²) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 3.